MALTA

# QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI FAMILJA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum il-15 ta' Mejju, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 91/2018/2 LM

**Rita Borg (K.I. Numru 263651M)**

***vs.***

**Paul Borg (K.I. Numru 668847M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Rita Borg** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fl-20 ta' April, 2018, li jgħid:

> *Illi l-esponenti tixtieq li l-Qorti toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha:*

*(a) Fejn ma tħallix lill-imsemmi intimat ibiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u b'mod partikolari:*

*DUWPA COMPANY LIMITED (C28061) għandha interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Kif ukoll tinibieh milli jipparteċipa f'riorganizzazzjoni jew ristrutturar tas-soċjetà fuq imsemmija li permezz tagħhom isir tnaqqis fl-ishma tal-intimat jew b'xi mod ieħor jintilfu d-drittijiet attinenti lill-istess ishma li dawn igawdu llum.*

*Ir-rikorrenti tiddikjara illi ai termini tal-artikolu 843(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ddeduċiet il-pretensjonijiet tagħha kif hawn dedotti permezz ta' ittra ta' medjazzjoni numru 501/2018 kontestwalment mal-preżenti fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ai termini tal-Artikolu 4(1) tal-Avviż Legali numru 397/2003, annessa u mmarkata bħala Dok. A.*

*(b) Fejn ma tħallix lill-intimat milli jagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' April, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat illi l-intimat **Paul Borg** ġie debitament notifikat bir-Rikors fid-19 ta' April, 2018.

Rat ir-Risposta ta' **Paul Borg,** ippreżentata fis-27 ta' April, 2018, fl-atti ta' dan il-mandat, li tgħid kif ġej:

*Illi din ir-risposta qed issir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 20 t'April 2018, wara mandat ta' inibizzjoni minn Rita Borg intavolat fl-20 ta' April, 2018 li permezz tiegħu r-rikorrenti Rita Borg qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti toħroġ il-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-intimat sabiex ma tħallix lill-intimat ibiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti u b'mod partikolari DUWPA COMPANY LIMITED (C28061) u kif ukoll tinibieh milli jipparteċipa f'riorganizzazzjoni jew ristrutturar tas-soċjetà fuq imsemmija li permezz tagħhom isir tnaqqis fl-ishma tal-intimat jew b'xi mod ieħor jintilfu d-drittijiet attinenti lill-istess ishma li dawn igawdu llum u (b) sabiex ma tħallix lill-intimat milli jagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti.*

*Illi l-esponenti jopponi għat-talba ta' Rita Borg u jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad dan il-mandat u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*Illi jiġi rilevat illi r-rikorrenti Rita Borg ibbażat dan il-mandat ta' inibizzjoni fuq separazzjoni personali u sabiex tikkawtela 'l-jeddijiet illi hija għandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti';*

*Illi d-dritt pretiż mir-rikorrenti Rita Borg huwa bbażat fuq allegazzjoni li b'xi mod l-intimat ser jittrasferixxi l-ishma fis-soċjetà indikata jew b'xi mod jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'xi piż;*

*Illi primarjament jiġi rilevat illi tali mandat jikkontjeni diversi allegazzjonijiet inveritieri fosthom illi ma hux minnu li ż-żwieġ sfaxxa minħabba raġunijiet imputabbli lill-intimat iżda ż-żwieġ sfaxxa fix-xejn minħabba raġunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti senjalatament iżda mhux limitatament għal sevizzi u eċċessi da parti tar-rikorrenti fuq l-intimat. Illi inoltre ma hux minnu illi l-intimat hedded illi huwa jrid jara kif jagħmel biex l-ishma jittrasferihom f'ismu jew f'isem terzi;*

*Illi konsegwentement ir-rikorrenti qed tibbaża l-allegat jedd tagħha fuq sempliċi disaġju jew tħassib, liema diffikoltà, disaġju jew tħassib ma hux biżżejjed sabiex ikun ipprovat il-jedd prima facie li allegatament jista' jiġi lez lir-rikorrenti;*

*Illi mandat t'tinibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali;*

*Illi jiġi rrilevat illi l-intimat u r-rikorrenti issa ilhom xhur ma jgħixux taħt l-istess saqaf u nonostante dan l-intimat fl-ebda mument ma ttrasferixxa ebda sehem tal-kumpannija u fl-ebda mument ma għamel xi att li bih aggrava l-komunjoni tal-akkwisti. Kuntrarjament filwaqt li r-rikorrenti tul dawn ix-xhur baqgħet tivvessa u tagħmel allegazzjonijiet inveritieri lir-rikorrenti, l-intimat baqa' jaħdem u jistinka u bl-ebda mod qatt ma għamel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi di più jiġi rilevat illi dawn il-mandati ġew intavolati mal-ittra ta' medjazzjoni, meta lanqas biss kien hemm xi skambju bejn il-partijiet fuq is-separazzjoni u qatt ma kien hemm seduta ta' medjazzjoni. Konsegwentement fl-umli fehma tal-intimat dan il-mandat sar b'mod intempestiv filwaqt illi jidher biċ-ċar illi dan il-mandat t'inibizzjoni qed jintuża bħala arma ta' theddid jew sabiex iġiegħel lill-intimat jagħmel dak li tixtieq ir-rikorrenti;*

*Illi konsegwentement id-dritt pretiż mir-rikorrenti ma jeżistix u għaldaqstant ma jissussistux l-elementi u r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' dan il-mandat;*

*Illi di più ġialadarba r-rewkiżiti ta' mandat ta' inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi, ma jeżistux ir-rekwiżiti sabiex jintlaqa' dan il-mandat ta' inibizzjoni;*

*Għaldaqstant l-intimat esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad dan il-mandat ta' inibizzjoni bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Rita Borg.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikorrenti ressqet it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern ai termini tal-artikolu 876 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex tikkawtela l-jeddijiet tagħha fir-rigward tal-ishma tas-soċjetà kummerċjali DUWPA Company Limited (C 28061), liema soċjetà kummerċjali ġiet kostitwita waqt iż-żwieġ bejn il-partijiet, kif jirriżulta miċ-ċertifikat maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpanniji esebit f'dawn l-atti.[1] Ir-rikorrenti pproċediet ukoll sabiex tinibixxi lil żewġha milli jagħmel xi dejn jew jagħti xi garanzija oħra li tista' tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti, u dan fi stadju meta l-partijiet għadhom kemm bdew proċeduri għas-separazzjoni personali bejniethom, hekk kif jirriżulta mill-ittra esebita f'dawn l-atti[2], bid-data tal-20 ta' April, 2018, li permezz tagħha qiegħda ssir talba lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Familja għall-ħatra ta' medjatur.

L-intimat min-naħa tiegħu wieġeb li m'hemmx il-ħtieġa li jintlaqa' dan il-mandat t'inibizzjoni minħabba li hu m'għamel l-ebda att jew xi tip ta' tentattiv sabiex

[1] *A fol.* 26.
[2] *A fol.* 6.

jittrasferixxi l-imsemmija ishma fis-soċjetà indikata jew sabiex b'xi mod jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'xi piż jew dejn ieħor. Inoltre hu jallega li r-rikorrenti hi motivata minn biżgħa jew tħassib li r-rikorrent b'xi mod jista' jagħmel xi azzjoni sabiex jittrasferixxi l-ishma tiegħu f'din il-kumpannija, aktar milli għaliex mad-daqqa t'għajn hemm xi jedd tar-rikorrenti li ser jisfa leż. Barra minn hekk l-intimat jallega li dan il-mandat hu intempestiv stante li sar fi stadju meta bejn il-partijiet għadhom ma ġew skambjati l-ebda ittri jew korrispondenza oħra dwar is-separazzjoni, u meta għadhom ma saru l-ebda sessjonijiet ta' medjazzjoni fir-rigward. L-intimat isostni li għaldaqstant ma jeżistux l-elementi rikjesti sabiex it-talba għall-ilqugħ ta' dan il-mandat tkun tista' tirnexxi.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet kienu żżewġu fis-sena 1990, u li fl-20 ta' April, 2018, id-difensur tar-rikorrenti bagħat ittra lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Familja sabiex jitlob il-ħatra ta' medjatur, stante li l-partijiet kienu qegħdin jisseparaw. Jirriżulta li l-intimat hu direttur ewlieni tas-soċjetà bl-isem DUWPA Company Limited (C-28061), b'indirizz reġistrat ġewwa 76, Mdina Road, Qormi.[3]

Il-partijiet mhumiex jaqblu dwar ir-raġuni li għaliha qegħdin jisseparaw, u kull parti qiegħda twaħħal fl-oħra li tat lok għall-bidu tal-proċeduri ta' separazzjoni. Madanakollu, ir-rikorrenti talbet il-ħruġ ta' dan il-mandat t'inibizzjoni sabiex

[3] Ġew esebiti kopja tal-*Memorandum & Articles of Association* ta' DUWPA Company Limited (C28061) *a fol.* 19 tal-proċess, kif ukoll kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tas-soċjetà DUWPA Company Limited bid-data tas-17 ta' April, 2001, li jinsab *a fol.* 26 tal-proċess.

tikkawtela l-jeddijiet tagħha stante li s-soċjetà DUWPA Company Limited ġiet kostitwita wara ż-żwieġ bejn il-partijiet, u għaldaqstant tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:
(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[4]

[4] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech** ***pro et noe vs. Stephanie*** **Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited** ***vs.*** **L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[5]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

[5] P.A., 13.05.2014.

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[6]

(3) Ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[7] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

---

[6] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

[7] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilità u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi

> proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[8];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[9]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[10]

**Ikkunsidrat:**

Ir-Rikors tal-attriċi huwa msejjes fuq il-provvedimenti tal-artikolu 876 tal-Kap. 12, li testwalment jaqra hekk:

---

[8] P.A., 25.01.2005.
[9] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[10] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

(1) Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-Qorti li toħroġ mandat ta' inibizzjoni:

(a) Kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ fejn ma tħallix lil dik il-parti l-oħra li tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawn l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti; jew

(b) Kontra xi soċjetà li fiha l-parti l-oħra jkollha l-maġġoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisoponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' dik is-soċjetà kummerċjali; jew

(c) Kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ milli tagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-awkkisti;".

F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Pauline Castillo *vs.* Arthur Castillo et**[11], il-Qorti stabbiliet illi:

"Fil-fehma tal-Qorti, il-proċedura partikolari kontemplata fl-artikolu 876 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma teskludix l-użu, f'ċirkostanzi differenti, tal-proċeduri ġenerali, kontemplati fl-artikolu 873 tal-istess Kap. 12, aktar u aktar meta għall-applikazzjoni tal-artikolu 876 ma jidhirx illi hemm obbligu fuq il-Qorti tas-smigħ kif kontemplat għall-każijiet elenkati fl-artikolu 873."

Fil-każ in eżami, m'hemmx dubju li *prima facie* ir-rikorrenti, Rita Borg, għandha jedd x'tikkawtela billi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ma jiġux trasferiti jew b'xi mod sparpaljati fil-mori tal-proċeduri ta' separazzjoni sakemm ikun hemm sentenza finali fir-rigward. Mhux ikkontestat, da parti tal-intimat, li s-soċjetà

[11] P.A., 18.09.2008.

kummerċjali DUWPA Company Limited ġiet kostitwita wara ż-żwieġ bejn il-kontendenti u li bejniethom teżisti l-komunjoni tal-akkwisti. Minn dan jirriżulta li Rita Borg għandha *prima facie* jedd x'tikkawtela permezz tal-mandat ta' inibizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset li jeżisti l-*periculum in mora,* u li jistgħu jsiru atti li jippreġudikaw lir-rikorrenti fil-perijodu li fih it-termini tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet ma jkunux għadhom ġew miftiehma u maqbula.

Il-Qorti sejra tikkunsidra jekk huwiex meħtieġ il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni sabiex jitħarsu l-jeddijiet vantati mir-rikorrenti fir-rikors promotur. Mill-kopja tal-*Memorandum and Articles* esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri, jirriżulta li l-intimat mhux biss huwa d-direttur tas-soċjetà kummerċjali DUWPA Company Limited, iżda huwa wkoll l-azzjonist ewlieni u s-segretarju tagħha. Din il-Qorti temmen li jekk ma jiġix akkordat il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mitlub, jista' jwassal għal preġudizzju gravi u ħsara irrimedjabbli għaliex hemm sogru li l-assi ta' din il-kumpannija jiġu ttrasferiti jew ridotti fix-xejn, kif ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti titgħabba b'piżijiet u djun li sa qabel il-bidu tal-proċeduri għas-separazzjoni personali, ma kinux hemm. Il-Qorti tirrileva wkoll, fid-dawl ta' uħud mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat, li dan mhux il-forum adattat fejn jiġi diskuss min mill-partijiet ikkontribwixxa għall-istat ta' fatt li qegħdin fih illum il-partijiet, u jekk il-ħtija tas-separazzjoni personali għandhiex tiġi attribwita lil xi parti jew oħra.

Dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-intimat, li t-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat hi waħda intempestiva, il-Qorti kkunsidrat id-dispost tal-artikolu 876 tal-Kap. 12, li

jistabbilixxi illi dan il-mandat jista' jintalab kemm qabel il-ftuħ ta' proċeduri għas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, kif ukoll waqt tali proċeduri. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **A *vs.* B et** intqal:

> "Illi l-artikolu 876 tal-Kap. 12 jipprovdi dwar l-uniku xorta ta' mandat ta' inibizzjoni li jista' jiġi intavolat in konnessjoni ma' (i) ishma f'kumpannija jew fil-konfront ta' kumpanija u (ii) f'kawża ta' separazzjoni li tkun ġia ġiet intavolata u għadha pendenti. B'mod ċar għall-aħħar, tali mandat jista' jsir biss meta jkun hemm ishma f'kumpanija li jkunu jagħmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt, dan l-artikolu jipprovdi illi tista' ssir inibizzjoni kontra parti milli tiddisponi minn ishma f'soċjetà kummerċjali 'jew dawn l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti', u li soċjetà tista' tiġi miżmuma milli tiddisponi proprjetà jew jeddijiet jekk il-maġġoranza tal-ishma fiha jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti.
>
> Illi jidher evidenti li l-iskop għaliex mandat ta' din ix-xorta jista' jintlaqa' huwa sabiex l-ebda parti ma tkun tista' tippreġudika l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti pendenti kawża ta' separazzjoni personali." [12]

## <u>Decide</u>

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, billi:**

[12] Fl-atti tar-rikors ta' revoka numru 376/2008, fid-9 ta' Jannar, 2009,

**(a) iżżomm lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawk l-ishma jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, partikolarment DUWPA Company Limited (C28061), kif ukoll tinibieh milli jipparteċipa f'riorganizzazzjoni jew ristrutturar tas-soċjetà fuq imsemmija li permezz tagħhom isir tnaqqis fl-ishma tal-intimat jew b'xi mod ieħor jintilfu d-drittijiet attinenti lill-istess ishma li dawn igawdu llum;**

**(b) kif ukoll qiegħda tinibixxi lill-intimat milli jagħmel dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti.**

**Tordna lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili sabiex fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa jikkomunika l-atti ta' dan il-Mandat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Mogħti kameralment fil-15 ta' Mejju, 2018.